Ġublew 2025:

il-programm ta' avvenimenti ewlenin minn Diċembru 2024 sa Diċembru 2025

Ġurnalisti, artisti, morda, priġunieri, żgħażagħ, voluntiera. Huma wħud mir-riċevituri tal-ġrajjiet il-kbir tal-Ġublew, li jinsabu fl-ewwel kalendarju tal-avvenimenti li se jdum matul l-2025, mill-ftuħ tal-Bieb Imqaddes, f'Diċembru 2024, sal-għeluq tiegħu, fl-istess xahar tas-sena ta' wara.

Tibda fl-24 ta' Jannar 2025, bid-dinja tal-komunikazzjoni, u mbagħad tkompli fit-8 u d-9 ta' Frar, bl-appuntament għall-forzi armati, tal-pulizija u tas-sigurtà.

Mill-15 sat-18 ta' Frar ikun imiss lill-artisti, filwaqt li mill-21 sat-23 ta' Frar ikun imiss id-djakni permanenti.

Il-ġranet tat-8 u d-9 ta' Marzu se jkunu ddedikati għad-dinja tal-volontarjat.

Fit-28 ta' Marzu se tiġi ċċelebrata l-inizjattiva ta' talb "24 siegħa għall-Mulej", filwaqt li fid-29 u t-30 ta' Marzu se jissejħu flimkien il-Missjunarji tal-Ħniena.

Il-5 u s-6 ta' April huma l-jumejn iddedikati lill-morda u d-dinja tal-kura tas-saħħa, filwaqt li mill-25 sas-27 ta' April jinġabru l-kandidati għall-konferma u dawk li jagħmlu l-professjoni tal-fidi.

Mit-28 sat-30 ta' April l-appuntament għall-persuni b'diżabilità.

Il-kalendarju għax-xahar ta' Mejju huwa dens ħafna: mill-1 sal-4 ta' Mejju ghal-ħaddiema, fl-4 u l-5 l-imprendituri, fl-10 u fil-11 il-baned mużikali, mis-16 sat-18 il-Fratellanzi, mit-23 sal- 25 il-Ġublew ta' dawk jiċċelebraw l-Ewwel Tqarbina tagħhom, filwaqt li dak tal-familji huwa skedat għat-30 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju.

Ix-xahar ta' Ġunju jkompli bis-7 u t-8 ta' Ġunju, il-ġranet iddedikati għall-movimenti, għaqdiet u komunitajiet ġodda; fid-9 imiss il-Kurja Rumana man-Nunzji, filwaqt li l-14 u l-15 huma l-ġranet magħżula għall-isport.

Il-kalendarju ta' Ġunju jkompli fil-21 u 22 ta' Ġunju bil-Ġublew tal-ħakkiema, segwit fit-23 u l-24 mis-seminaristi, fil-25 mill-isqfijiet, fis-26 u fis-27 mis-saċerdoti u fit-28 mill-esponenti tal-Knejjes tal-Lvant.

L-attività tal-Ġublew fit-13 ta' Lulju hija maħsuba għall-priġunieri, filwaqt li ż-żgħażagħ se jkollhom il-ġranet mit-28 ta' Lulju sat-3 ta' Awwissu disponibbli għall-Ġublew tagħhom.

Il-Ġublew tal-Konsolazzjoni se jsir fl-14 u l-15 ta' Settembru, filwaqt li l-20 u l-21 se jkun il-Ġublew tal-Ħaddiema tal-Ġustizzja.

Il-lista ta' Settembru titlesta mill-katekisti, li se jkunu jistgħu jiċċelebraw il-Ġublew tagħhom mis-26 sat-28 ta' Settembru.

Ix-xahar ta' Ottubru jibda fl-4 u l-5 bil-Ġublew tan-nanniet, segwit fit-8 u d-9 minn dak tal-ħajja kkonsagrata, il-11 u t-12 tal-Ġublew tal-ispiritwalità Marjana, it-18 u d-19 tad-dinja missjunarja. .

Mit-28 ta' Ottubru sat-2 ta' Novembru l-attività tal-ġublew iddedikata lid-dinja tal-edukazzjoni.

Fl-aħħarnett hemm żewġ attivitajiet skedati għal Novembru: is-16 u s-16, għall-Ġublew tal-persuni esklużi soċjalment, u mill-21 sat-23, għall-korijiet .